# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Frar 2021**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 702/2015 JVC**

**Anthony sive Antoine Dalli**

**vs**

**F.S. Engineering and Plastics Limited [C 29150]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent Anthony sive Antoine Dalli kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrent kien jahdem mas-socjeta' intimata bhala *machine setter*[1] u fit-28 ta' Mejju 2013, kien xoghol fil-fabbrika tas-socjeta' intimata li qieghda fil-Marsa. Is-socjeta' ntimata tipproduci prodotti maghmula mill-*plastic*, li jigu prodotti billi *pellets* ossia bicciet zghar tal-*plastic* jitpoggew go apparat/magna appozita, jigu mdewwba f'temperatura gholja, isiru *plastic* likwidu li mbaghad jigi ppressat ossia *injected* mill-magna/apparat stess ghal go forom appoziti (maghrufa bhala *moulds/molds)*, u mbaghad il-*plastic* jiehu l-forma tal-*mould*, jitkessah f'temperatura baxxa, u mbaghad il-prodott jigi *released* jigifieri jinqala' mill-*mould* u jkun hemm il-prodott finali, bil-forma partikolari li jkun ha fil-*mould*.

2. Illi ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija (9.45pm) tal-jum imsemmi, zviluppat hsara fil-magna/apparat imsemmi u minhabba din il-hsara, kellu jieqaf il-process ta' manifattura. Ir-rikorrent intervjena biex tissewwa l-hsara u jkun jista' jitkompla l-process ta' manifattura u s-socjeta' intimata ma tigix pregudikata, billi din tkun marbuta kuntrattwalment mal-kuntratturi li jghaddulha x-xoghol biex tipproducilhom il-prodotti fi zmien specifikat u fi kwantitajiet specifikati. Zviluppat problema billi l-*plastic* likwidu beda jillikja minn parti tal-apparat/magna minn fejn mhux suppost ikun hemm *leaks* biex il-prodott finali johrog tajjeb, u ghalhekk il-forma (li tkun f'bicctejn) kellha tigi zarmata mill-bqija tal-apparat u mnaddfa, u dan billi jitnehha l-*plastic residue* ossia l-*plastic* maghqud[2] minn maghha, u b'hekk id-difett ta' *leak* tal-plastic likwidu li zviluppa seta'' jigi rrangat.

---

[1] drabi ohra indikat b'nomenklatura differenti
[2] jigifieri li minn imdewweb ikun lahaq rega' ssolidifika

3. Illi waqt li r-rikorrent kien qed inaddaf il-*mould*, safa korrut f'ghajnu l-leminija u sofra *perforating injury* fiha u kellu jigi operat, immedjatament u mbaghad sussegwentement ukoll ghadda minn aktar interventi inkluz operazzjoni ohra.

4. Illi dan l-incident sehh meta r-rikorrent kellu ghajnu l-leminija li giet milquta minn bicca materjal zghira tal-hadid, li nqalghet u taret mill-bicca hadida uzata mir-rikorrent biex biha jaqta' l-*plastic* (qabel imdewweb u issa solidifikat) minn mal-*mould.*

5. Illi fil-hin li fih sehh l-incident, ir-rikorrent kien qed jahdem bl-"ghodda"/"apparat" disponibbli ghalih, u bil-process u s-sistema tax-xoghol li dejjem intuzat f'cirkostanzi simili.

6. Illi dakinhar li sehh l-incident, ir-rikorrent lanqas kellu disponibbli l-uzu ta' *safety glasses.* Ukoll, is-sistema uzata ta' xoghol u senjatament l-"ghodda"/"apparat" disponibbli biex bih isir ix-xoghol, ma kienux adattati u dankollu maghdud flimkien, wassal ghall-incident mertu tal-kawza u l-korriment konsegwenzjali. Ukoll, qatt ma nghata tahrig dwar kif u f'liema cirkostanzi tax-xoghol kellu jintuza l-*personal protective equipment*, apparti li dan ma giex ipprovdut hlief wara li sehh l-incident mertu tal-kawza[3]. Dawn l-istruzzjonijiet inghataw wara li sehh il-korriment tar-rikorrent. Lanqas kien hemm tahrig kif jinghata l-*first aid* u b'gerha hekk serja, ma ssejjhitx ambulanza u r-rikorrent

[3] fil-passat kien gie pprovdut *safety glasses* wiehed ghall-uzu mil-haddiema kollha li mbaghad kien inkiser u sad-data tal-incident ma giex rimpjazzat

ittiehed lejn id-dar tal-*partner* tieghu minn kollega tieghu, fejn imbaghad ittiehed l-Isptar u kellu jigi operat.

7. Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident, ir-rikorrent korra serjament f'din l-ghajn u tilef prattikament il-vista kollha minnha, u sofra dizabilita' permanenti fuq il-persuna tieghu u danni ohrajn, skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dottor Jan Janula, li qed jigi hawn anness u markat bhala Dokument AD 1.

8. Illi l-incident fuq imsemmi sehh unikament b'tort, b'htija, b'negligenza u traskuragni tas-socjeta' intimata, li naqset ukoll milli tosserva l-obbligu impost fuqha mill-ligi li bhala principal tizgura ambjent ta' xoghol hieles mill-perikoli ghall-haddiema, u ghalhekk naqset milli zzomm *a safe working environment.*

9. Illi s-socjeta intimata giet interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-incident izda baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta intimata hi responsabbli ghall-incident li fih safa korrut ir-rikorrent li sehh fit-28 ta' Mejju 2013 ghall-habta ta' 9.45pm fil-fabbrika A 25C, Industrial Estate, Marsa.
2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-socjeta intimata biex thallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-21 ta' Ottubru 2014, kontra s-socjeta intimata li hi ngunta ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' intimata F.S. Engineering and Plastics Limited kif isegwi:

1. 'Illi l-ewwel talba tar-rikorrent in kwantu diretta kontra s-socjeta' esponenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda u dan stante illi l-istess esponenti mhiex responsabbli ghall-incident *de quo*, liema incident sehh unikament bi htija tar-rikorrent stess meta naqas serjament milli josserva l-istruzzjonijiet moghtija lilu mis-superjuri tieghu kif ukoll milli jsegwi proceduri ta' prudenza fl-ezekuzzjoni ta' xoghlu fuq il-lant, kif *del resto* huwa obbligat jaghmel hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi, *di piu,* ghal kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat mir-rikorrent fir-rikors promotur, is-socjeta' esponenti dejjem aggixxiet b'diligenza fejn, fost affarijiet ohra, dejjem adderiet ruhha mal-obbligi legali taghha, fosthom dawk kontenuti fil-Kapitolu 424 ta' Ligijet ta' Malta fejn sahhet sabiex tipprovdi lill-impjegati taghha, fosthom lir-rikorrent, *a safe place of work* kif ukoll *a safe system of work*. Ghaldaqstant, in vista ta' dak appena premess, jispetta lir-rikorrent jipprova li s-socjeta' esponenti wettqet xi nuqqas illi jaghmilha b'xi mod responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u l-grad ta' tali responsabbilita'.

3. Illi inoltre, b'referenza ghas-sitt premessa tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu, ghal kuntrarju ta' dak li qieghed jigi allegat, is-socjeta' esponenti dejjem provdiet it-taghmir protettiv kollu mehtieg ghall-ezekuzzjoni tax-xoghol lill-impjegati kollha taghha, inkluz lir-rikorrent. Bl-istess mod, l-istess socjeta' esponenti kienet u ghadha tati tahrig regolari lill-impjegati taghha, inkluz lir-rikorrent, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi t-tieni talba tar-rikorrent ghandha ghalhekk tigi rigettata stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entita' tad-danni pretizi mir-rikorrent huwa kontestat u ghaldaqstant l-istess ghandu jaghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.

5. Illi t-tielet talba tar-rikorrent ghandha ukoll tkun michuda u dan ghaliex is-socjeta' esponenti m'ghandhiex tigi kostretta thallas ebda danni lill-istess rikorrent.

6. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi, bl-ispejjes kontra r-rikorrent.

Rat l-affidavits, xiehda, rapporti u l-provi kollha esebiti fl-atti.

Rat illi fil-verbal datat 28 ta' Settembru 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' lill-partijiet sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat;**

**Fatti**

Illi din il-kawza tikkoncerna incident li sehh fuq il-post tax-xoghol fil-fabbrika tas-socjeta' ntimata, liema ncident sehh nhar it-28 ta' Mejju, 2013 fejn f'hin minnhom ir-rikorrent Anthony Dalli wegga' konsegwenza ta' bicca hadida li taret ghal gewwa ghajnejh. Ir-rikorrent isostni li konsegwenza ta' dan l-incident huwa soffra disabilita permanenti u wkoll jinsisti li l-incident sehh konsegwenza ta' nuqqasijiet da parti tas-socjeta ntimata u ghaldaqstant ntavola l-kawza odjerna sabiex il-Qorti tiddetermina r-responabilita' tal-incident u tillikwida d-danni dovuti lill-attur.

Da parti taghha s-socjeta' ntimata ma' tikkontestax il-fatt li sehh l-incident in kwistjoni fuq il-post tax-xoghol izda teccepixxi li l-incident sehh unikament b'tortijiet mputabbli lir-rikorrenti li skont hi ma wzax l-apparat prottettiv partikolarment in-nuccali waqt ix-xoghol, liema nuccali kien jeskludi ghal kollox li jsehh l-incident u wkoll issostni li waqt ix-xoghol ir-rikorrent kien qed juza metodu ta' xoghol li ma giex mghallem lilu izda metodu iehor li konsegwenza tieghu sehh l-incident. Is-socjeta' intimati tinsisti li hija provdiet l-apparat protettiv kollu u wkoll li provdiet 'a safe place of work' u 'a safe system of work'.

Da parti tieghu r-rikorrent jsostni li hu ma seta'x juza l-apparat protettiv u cioe' n-nuccali ghaliex jghid li ma kienx gie provdut lilu dan in-nuccali wara li kien inkiser u talab iehor u wkoll jghid li l-metodu ta' xoghol li kien qed juza kien dak mghallem lilu mir-rapprezentanti tas-socjeta' intimata li kienu jkunu fis-*shop-floor* mieghu.

Jirrizulta li skont ir-rapport tal-espert mediku nominat mill-Qorti Mr Franco Mercieca u r-risposti in eskjussjoni a fol. 395 u 396 tal-process, konsegwenza tal-incident ir-rikorrent soffra debilita permanenti totali ta' 15%.

**Provi:**

Illi ghalkemm fl-atti tressqu bosta xhieda tista' tghid hadd minn dak li tressaq ghajr ghar-rikorrent innifsu ma assistew ghall-incident veru u proprju li wassal ghal din il-kawza bl-istess rikorrent huwa x-xhud principali.

Fix-xiehda tieghu permezz tal-procedura tal-affidavit ir-rikorrent jsostni li hu beda jahdem mas-socjeta' intimata lura fis-sena 2002 bhala apprentist. Isostni li t-tahrig f'xoghlu bhala *mechanical setter* hadu minghand *setters* ohra mpjegati mal-kumpanija u minghand wiehed mid-diretturi Derek Saliba. Isostni li meta lesta l-apprendistat huwa nghata l-kariga ta' *shift leader* u kien jahdem bix-xift. Jispjega li s-socjeta' tipprovdi prodotti maghmula mill-plastik billi fi kliem semplici plastik imdewweb jitpogga go forma (*mould*) f'magna li ddewweb il-plastik u tipproduci l-forma mehtiega permezz tal-process maghruf bhala *injection moulding*. Partikolarment il-fabbrika tipproduci bicciet tal-gugarelli tad-ditta 'Playmobil'. Ir-rikorrent jiddeskrivi x-xoghol tieghu kif isegwi:

*'Ix-xoghol tieghi kien jikkonsisti fost ohrajn filli nibdel, jigifieri naqla u nwahhal, il-moulds minn mal-magni li kellna fil-fabbrika, skont l-ordnijiet li kien ikun hemm u ghalhekk skont il-prodott parikolari li ried jigi mahdum. Kull magna jistghu jinhadmu biha numru ta' prodotti, skont il-mould li jitwahhal maghha. Jien kont niehu hsieb ukoll li x-xoghol tal-production ikun qed jigi tajjeb jigifieri li l-prodott finali jkun*

*tajjeb u kont niehu hsieb ukoll li l-haddiem shabi jkunu fuq xogholhom.' (fol. 19)*

Ir-rikorrent jinsisti fl-affidavit tieghu li ghalkemm fi zmienu l-magni fil-fabbrika kienu telghu ghal madwar erbghin (40) l-ghodda provduta lilu u l-haddiema biex jahdmu kienet tkun wahda skarsa. Fi kliem ir-rikorrent:

*'biex l-imghallem jaghtik bicca ghodda li tkun mehtiega, kien litteralment ikollok tibkilu.' (fol. 20).*

Izid izda li maz-zmien kien inghata kaxxa tal-ghodda *trolley* li fiha huwa kien izid l-ghodda li kien jitlob. Jikkonferma wkoll li nghata ghal go din il-kaxxa *safety goggles* wiehed (ara fol. 20). Isostni li din il-kaxxa wahda tal-ghodda kienet tintuza mix-xift kollu (bejn erba' u sitta minn nies) u li kien ikun responsabbli minnha u li kienet tinfetah u tissakkar minnu. Biex il-haddiema jkunu jistghu jsewwu dak li jinqala' fil-magni hu kien ihalli l-kaxxa tal-ghodda miftuha x-xift kollu filwaqt li skont ir-rikorrent kien jispicca jigri wara l-ghodda biex jerga' jaghmilha f'postha. Jghid li tant l-ghodda ma kinitx *heavy duty* u tant kienu neqsin minnha li anki ghodda personali tieghu ha mid-dar u wkoll ingwanti stante li dawk li tawh tax-xoghol skont ir-rikorrent ma kienux tajbin ghax-xoghol li kienu jaghmlu. Jispjega li madwar sentejn qabel l-incident huwa ntalab jaqta cavetta tal-kaxxa tal-ghodda sabiex din tinfetah ghall-impjegati li jkunu qed jahdmu fi tmiem il-gimgha meta hu ma jkunx hemm. Jghid li konsegwenza ta' hekk aktar beda jkollu nuqqas ta' ghodda u ghodda mkissra.

Illi dwar is-*safety goggles* li kien provdut fil-kaxxa tal-ghodda jixhed kif isegwi:

*'Xi xhur qabel gara l-incident li fih jien sfajt korrut, kont ukoll tlabt lil Derek Saliba biex jipprovdi lix-xift tieghi b'safety goggles glasses' iehor ghax dak li kien tana mal-kaxxa tal-ghodda kien tkisser u ma seta'x jintuza, billi kienet infaqghet il-"hgiega' tieghu, jigifieri l-parti li tipprotegi lill-ghajnejn, u ghalhekk gie bla uzu. Kont ergajt tlabtu ghall-ingwanti. Kien qalli li kellu jiehu hsieb imma baqa ma provdilnix la safety goggles/glasses iehor u lanqas ingwanti, u konna qed nahdmu minghajr in-nuccali. Frank u Derek Saliba jkunu l-hin kollu fuq il-post tax-xoghol u kienu jarawna nahdmu minghajr dan in-nuccali protettiv.*

*Nghid ukoll li meta nghatajna dan in-nuccali kif spjegajt aktar qabel, inghatajna nuccali wiehed biss li kellu jintuza mix-xift kollu u kien hemm ukoll haddiema ohra li kellhom access ghall-kaxxa tal-ghodda, kif spjegajt diga. Dan billi n-nuccali kien jitpogga got-trolley tal-ghodda flimkien mal-bicciet tal-ghodda l-ohra, fejn kien jinsab meta t-trolley tal-ghodda kien inghata lilna l-ewwel darba mill-imghallem. Ma kienx hemm post partikolari fil-fabbrika fejn suppost kien jitpogga s-safety equipment.' (fol. 22)*

Dwar l-incident kif sehh ir-rikorrent jixhed li nhar it-28 ta' Mejju, 2013 kien hemm ordni partikolari tal-Playmobil li kienet qed tinhadem b'*mould* apposta. Skont ir-rikorrent l-ordni kienet mghaggla hafna u nghataw struzzjonijiet li riedet tinhadem akkost ta' kollox. Il-magna li kienet qed tinhadem biha din l-ordni r-rikorrent jixhed li kellha *leak* ta' plastik u ma bdietx tahdem sew. Skont ir-rikorrent din kienet tehtieg 'repairs' fin-naha fejn ikollha dik maghrufa bhala *nozzle* minn fejn jghaddi l-plastik imdewweb ghal gewwa l-*mould*. Jghid li x-xoghol ma seta'x jibqa'' ghaddej jekk il-magna ma tissewwiex wara li kien hemm gia *leak* darbtejn. Jghid li kellha tigi zarmata l-*mould* mill-magna, tissewwa l-magna u l-*mould*. Jixhed li suppost meta jkun hemm hsara fil-magna din tissewwa mis-socjeta intimata izda jekk ikun hemm hsara fil-*mould* tigi avzata l-Playmobil u tigi rrangata mill-Enginiera taghha.

Ir-rikorrent jixhed li huwa nforma permezz tat-telefon lil Derek Saliba bil-hsara u li skont ir-rikorrent dan qallu biex ihalli l-*mould* imwahhla mal-magna u jienu pacenzja meta jkun hemm *leak* inaddaf il-forma u jerga' jkompli l-process tax-xoghol bil-magna partikolari. Jghid li Derek Saliba qallu li x-xoghol kien maghfus bil-hin u li ma riedx jissogra jghid lil 'Playmobil' li x-xoghol ma kienx ser ikun fil-hin. Ir-rikorrent jixhed li:

*'Mhux suppost li x-xoghol jikompla meta jkollok magna bil-hsara li qed tillikja l-plastic imdewweb, imma l-ordni ta' Derek Saliba kienet li x-xoghol kellu jitkompla, u jien obdejt.' (fol. 23)*

Jkompli li:

*'Biex "nirrimedja" bil-mod kif Derek Saliba ried li jikompla x-xoghol, ridt naqbad nofs il-mould . . . innehhi u nnaddaf il-plastic li kien illikja (li sa dak il-hin ikun lahaq ghaqad u sar plastic residue), u nerga' nwahhal in-nofs li nkun qlajt tal-mould u nhaddem il-magna mill-gdid.'*

Ikompli jixhed li kien qed ikollu jaghmel din il-procedura diversi drabi ghaliex il-magna kienet qed tillikja ripetutmanet, inaddaf il-forma u l-produzzjoni tkompli. Fid-9.30p.m. regghu qalulu li l-magna kienet regghet illikjat u beda sabiex jirrepeti l-istess procedura li kien gia ghamel diversi drabi qabel dakinhar. Dwar kif sehh l-incident jixhed kif isegwi:

*'It-tindif/tnehhija tal-plastic illikjat minn mal-forma dejjem ghamilnih b'zewg metodi fuq il-post tax-xoghol, skont fejn u kif ikun il-plastic li jkun irid jitnaddaf, jew billi dan jissahhan bl-uzu ta' fjamma u jerga' jiddewweb u jitnehha, jew billi ssammar fuq il-plastic b'bicca hadida catta bl-uzu ta' martell u l-plastic jinqala' minn mal-forma. Hekk dejjem*

*hdimna u hekk hdimt aktar qabel dakinhar stess, anke' quddiem Derek Saliba.*

*Suppost li l-hadid li tintuza biex fuqha ssammar bil-martell u ttajjar il-plastic maghqud biha tkun maghmula mir-ram (brass). Dan ghaliex ir-ram hu metall artab u jekk, kif gieli jigri, tolqot il-mould waqt li tkun qed issammar, ma tigrifhiex u ma ssirilhiex hsara. It-tieni raguni ghala suppost jintuza r-ram biex timmartella fuqu u bih, hu li r-ram ma hux metall brittle, u ghalhekk jitnaqqas sew is-sogru li ttir xi bicca metall waqt li tkun qed timmartella fuqha u biha. Fil-process ta' tindif mhux suppost tuza dawk li huma maghrufa bhala hard tools imma soft tools biex ma ssirx hsara lill-mould, kif ukoll ghar-raguni li spjegajt. Per ezempju, l-martell li suppost jintuza jkun tar-rubber jew gilda iebsa jew ram imma ahna kien inghatalna martell komuni tal-hadid. . . .*

*. . .Ahna qatt ma gejna pprovduti b'bicciet tar-ram biex intajjru l-plstic maghqud bihom. Konna ninqdew b'bicciet tal-hadid scrap li konna nsibu biex nimmartellaw fuqhom u ntajjru l-platic illikjat bihom, u gieli uzajna t-turnaviti ghald ak l-iskop meta turnavit mhux suppost jintuza ghalhekk. Il-procedura ta' tnehhija ta' plastic minn mal-moulds ma hijiex xi procedura rari fuq il-post tax-xoghol, imma pjuttost procedura li ssir regolarment.*

*Bdejt insammar fuq il-plastic bil-martell u l-bicca metall catta li sibt fil-kaxxa (trolley) tal-ghodda. Din il-bicca metall kienet tikkonsisti f'bicca minn xafra mkissra ta' sega li konna nuzaw ghal dan l-iskop biex innaddfu biha. F'daqqa wahd taret farka tal-hadid mit-tarf tla-hadida catta li biha kont qed innehhi l-plastic minn mal-m ould. Din il-farka taret ghal go ghajni l-leminija, taqqbitilhi, u korrietnis erjament. Nuccali protettiv ma kontx liebes ghar-raguni li spjegajt aktar qabel.*

*Cempilt lil Derek Saliba u ghidtlu x'kien grali u li kont sejjer l-Isptar ghall-kura. Wegibni biex minflok immur il-Polyclinic pero' jien ghidtlu*

*li sejjer l-Isptar ghax indunajt li kont korrut gravi. Mix-xoghol hadd ma cempel ghal ambulanza u minflok wiehed minn shabi wassalni ghand l-gharusa tieghi, u kienet hi li haditni l-Isptar Mater Dei. Baqjt diehel l-Emergenza u mbaghad fl-Ophthalmic Ward. Filghodu operawni. Wara xi erba' xhur regghu oeprawni. Minn ghajni l-leminija llum ma nara xejn hlief cpar. Bdejt nuza nuccali biex nghid lill-ghajn ix-xellugija, fejn qabel qatt m'uzjat nuccali. Issa nara minn ghajn wahda biss, u cpart mill-ohra.' (fol. 24/25)*

Ir-rikorrent jixhed li meta dahal lura ghax-xoghol Frank Saliba kien tah nuccali protettiv u ntalab jiffirma karta li kellha d-data tal-incident li fih korra u huwa rrifjuta. Id-data fuq id-dokument li gie esebit a fol. 35 tal-process giet mibdula ghat-23 ta' Jannar, 2014 u hu ffirma. Jghid ukoll li l-haddiema l-ohra qalulu li l-ghada tal-incident kienu nghataw nuccali protettiv kull wiehed.

Fl-affidavit tieghu jkompli jghid li hu qatt ma nghata tahrig dwar kif kellu jintuza *safety equipment* li sad-data tal-incident kien jikkonsisti fis-*safety goggles* imsemmi, zarbun u ngwanti.

In kontro-ezami a fol. 108 et seq tal-process ir-rikorrent jinsisti li hu x-xoghol dejjem ghamlu l-istess sa minn meta beda mas-socjeta' intimata lura fis-sena 2002. Jixhed li hafna mit-tahrig gabru mill-esperjenza tul is-snin tax-xoghol u li l-kors li kien sarilhom kien dwar kif jissettjaw il-magna u l-forom. Hafna mit-tahrig kien jiehdu minghand Derek Saliba li jigi t-tifel tal-imghallem u l-fabbrika hija taghhom jew tghallem minghand *shift leaders* ohra. Jichad li kien jinghata xi tahrig partikolari b'mod regolari. Jikkonferma li madwar sentejn qabel l-incident kien inghata tahrig minn Enginiera tal-Playmobil izda bhala prattika l-Inginier Patrick tal-Playmobil kien urihom kif jissettjaw il-*mould* u l-magna. Jikkonferma li kien qalilhom li meta jkun hemm *fault* fil-

*mould* din jibaghtuha u jirrangawha l-Playmobil. Jichad li kien hemm xi kors dwar *health and safety.* Jichad li apparti dan il-kors kienu jsiru xi korsijiet ohra regolari.

Ikompli in kontro-ezami billi jikkonferma li Derek Saliba kien ikun hafna hin fuq il-post tax-xoghol u jkun idur mal-magni. Dwar in-nuccali protettiv u lbies iehor ta' protezzjoni jixhed kif isegwi a fol. 118 tal-process:

*'Ahna bhala safety equipment kull ma kelli jien nuccali ghas-shift kollu. Issa dan ahna jekk l-operator kien ifarfar hopper, igifieri l-istess nuccali minn wiehed ghal iehor. Jekk ezempju gieli kellna l-kaz anke fejn wegghajt jiena jekk nuza l-blow lamp biex nahraq il-plastic. Extinguisher ma kellnix, lanqas face mask ma kellna. Dawn l-affarijiet kulhadd jarahom. Igifieri inti stess qed tghid li Derrick kien idur mal-magni u jara l-affarijiet. Issa apparti minnhekk, meta qed tasal ghall-ghodda, ghodda li niftakar fi tlettax-il sena darbtejn tani l-ghodda. L-ewwel sena li kont dhalt, imbaghad kien gie dan it-trolley ghax il-fabbrika kibret u kellna t-tul biex nimxu bl-ghodda. Issa l-ghodda kien juzaha kulhadd fix-shift tieghi. Bhala ma taf traskuragni kullimkien ikun hemm. Igifieri daqqa tilfuli tnalja, "tilfuli tnalja", "issa ngiblek wahda" u tispicca tghaddi xi gimgha u niehu wahda jiena mill-garage. Ezempju "Derrick qasmuli l-manku tal-martell", jghaddi z-zmien u nispicca niehu l-ghodda jien. Dawn kollha nuqqasijiet.'*

Jinsisti li meta kien jigbed l-attenzjoni ta' Derek li naqset xi ghodda dan ma kienx jipprovdi l-ghodda u jkompli:

*'Jien meta kelli bzonn xi haga bhal nuccali, erbgha xhur qabel ma wegghajt, mort fuq Derrick u l-istess haga, ghidtlu "Derrick in-nuccali kissruhuli.". Qalli "m'ghandix in stock" u qalli "issa nixtri u anke ingwanti." Kont diga' jigifieri nixtirhom jiena minn buti u bhal kien hemm Dennis Grech ukoll.' (fol. 119)*

Ikompli li t-talba sabiex ituh nuccali protettiv iehor ghamilha b'mod verbali.

Mistoqsi jekk irrifjutax li jaghmel ix-xoghol meta jara li hemm periklu jirrispondi:

*'X'naghmel allura immur nipperikola x-xoghol tieghi "isma' jien ma rridx naghmel ix-xoghlu jitfaghni l-barra?'.* (fol. 119)

*'Jien dejjem hdimt f'dawk il-kundizzjonijiet.'* (fol. 120)

Jikkonferma li fuq in-nuqqas ta' *soft mallet* u n-nuccali protettiv mill-kaxxa tal-ghodda huwa kien gibed l-attenzjoni ta' Derrick. Ma jiftakarx li kien hemm xi ezercizzju partikolari li jsir sabiex jigi *replenished* it-t*rolley* tal-ghodda.

Mistoqsi dwar il-procedura li juza meta jkun hemm *leak* u ghalfejn jintuza l-martell jghid a fol. 123 jixhed:

*'Biex inehhu l-plastic. Ifhem inti leak ta' plastic huwa mod li jkun zghir u hemm leak ta' plastic li jkun kbir. Issa meta inti jkollok leak ta' plastic kbir, trid tuza ssahhan u ddewwebu gieli jkun hemm postijiet fejn issammar b'turnavit biex tnehhi l-plastic.'*

Jikkonferma li hemm zewg metodi u cioe' jew li jkollok il-*blade* li ssahhanha u ddewweb il-plastic izda jkun hemm postijiet fejn ikollok bzonn tuza l-martell u forsi turnavit jew hadid. Dwar l-incident partikolari jixhed kif isegwi:

*'Fil-kaz tieghi l-leak kien, il-mould tinfetah fi tlett bicciet. Issa l-leak tieghi kien fejn ikun hemm ir-runner. Kien hemm hemmhekk kollu*

*plastic, minn fejn jghaddi l-plastic minn fejn jidhol in-nozzle, imbaghad hemm blade ohra kien hemm il-plastic bejniethom ukoll. Isa jiena zarmajt fejn stajt fil-mould, pero' certu plastic ma stajtx naqilghu u kelli bzonn xi haga twila u ntektika biex naqta' l-plastic dak il-hin. Int taghmel skont ic-cirkustanzi tax-xoghol. . . .*
*Le kelli ntektek il-plastic b'hadida daqsxejn twila u ma stajtx inlahhaq dak il-hin . . .*
*Inti taghmel kif ikun il-leak. Issa f'dik ic-cirkostanza hekk kelli nuza. . . Jien zarmajt bicca mill-mould pero' kelli l-plastic anki gol-boldijiet. Issa biex inholl il-boldijiet ridt innehhi l-plastic minn go fihom ghax dawn ma tistax thollhom. Bhekk qed nghidlek skont l-affarijiet kif ikunu. Issa jiena b'din ma stajtx indewweb u ndahhal il-blow lamp hemm gew gol-mould. Ridt bilfors intektek il-plastic biex nohrog il-plastic minn gol-boldijiet u affarijiet hux.' (fol. 126/127).*

Mistoqsi ghalfejn ma sahhanx il-blade u qata' l-plastic jghid li blade catta ma tistax taqta' ras il-bolt jekk ghandek il-plastic gol-bolt. Izid li allura ried xi haga irqaq u jtektika. Mistoqsi x'uza biex tektek jghid li kellhom xfafar tal-hadid l-istess bhal dawk li kienu jsahhnu bihom u kienu nuzawha wkoll f'dan il-kaz. Jikkonferma li uza martell tal-hadida max-xafra tal-hadid ghaliex martell *soft mallet* ma kellhomx. Mistoqsi jekk jafx x'jigri meta timmartella hadid ma' hadid jirrispondi:

*'Dak il-him ma bsartx, pero' apparti minn hekk is-soltu meta kellu kelli nuccali dejjem ilbistu. Igifieri jien dak il-hin li grali ghax ma kellix nuccali.' (fol. 128)*

Jikkonferma li kien jaf li kien hemm cans li jekk timmartella hadid ma' hadid hemm cans li tinqata' xafra. Jikkonferma li ma kienx liebes nuccali izda ghax ma kellux wiehed a disposizzjoni tieghu.

Fil-kontro-ezami ulterjuri a fol. 199 et seq tal-process ir-rikorrent jaghraf il-firma tieghu fuq dokumentazzjoni esebita fl-atti li tevidenzja li saru xi korsijiet lill-haddiema nkluz lilu esebiti a fol. 138 et seq tal-process. Fuq domandi ripetuti tal-kontro-parti li l-martell ma kellux jintuza biex jitnehha l-plastik izda biex jitnehha n-*nozzle* jghid li huwa dejjem hekk hadmu jigifieri li juzawh biex inehhu l-plastik ukoll. Mistoqsi jekk meta jsammar jaghmel hsara lill-*mould* jghid li l-procedura mhiex li ssammar fuq il-*mould* izda fuq il-plastik. Jinsisti li fil-kaz tal-incident huwa sammar mal-boldijiet biex ikun jista jholl il-*mould* u li:

*'Skont il-procedura u l-affarijiet li jkun hemm trid tuza l-affarijiet.'* (fol. 203).

Jikkonferma li dan il-process kien jaghmlu anki hdejn Derek u li skont hu qatt ma qallu li kien qed jaghmel hazin. Mistoqsi jekk kinitx il-kumpanija li ghallmitu din il-procedura jghid li skont ic-cirkustanzi trid taghmel. Mistoqsi wkoll direttament mill-Qorti jwiegeb:

*'Jien ma sammartx fuq il-mould fuq il-bicca fejn tigi ingektjata l-plastic. Jien sammart biex innehhi l-plastic biex nikxef il-boldijiet kif ghamilma fil-kors tat-training. . .*
*.. il-kumpanija bhala training, prattika ma tawnix biex innehhu l-plastic jigifieri dan manwali training ma kienx hemm tnehhija ta' plastic. Just jghidilha tidhol 'l hemm, tidhol 'l hawn u tiftah il-mould. Issa biex tholl il-mould biex nkun nkun nista' naqla' dak il-plastic li jillikja, jien irrid nikxef il-boldijiet b'xi mod, jew iddewweb jew issahhan nifga fabbrika bil-plastic*
*Qorti: Jigifieri fit-training ma qalulekx xi trid taghmel?*
*Xhud: Qalulna kif izzarma l-mould. Imma jien biex inzarma din il-mould kelli hafna plastic. Il-boldijiet kienu miksijin gol-plastic.*

*Qorti: Kienu qalulkom x'ghandkom x'taghmlu biex tnehhu dan il-plastic?*
*Xhud: U zgur.*
*Dr. Alessia Zammit McKeon: U x'qalulek biex taghmel?*
*Xhud: Inhollu l-boldijiet, innehhu l-boldijiet u naqgilhu l-plastic.*
*Dr. Alessia Zammit McKeon: U kif taqilghuh il-plastic?*
*Xhud: Issa jekk kien hemm il-plastic fil-boldijiet, ma kienx qalilna "isma' qatt ma trid tuza martell . . . Li rrid nghid jiena sklont kif tkun il-haga jigifieri jekk ghandek ammont zghir ta' plastic u tista' thollu mod, imma jekk ghandek ammont kbir u trid tikxef il-boldijiet biex thollhom u dan mod iehor hux.' (fol. 204 -205. 206)*

Mistoqsi direttament mill-Qorti x'qalulu jaghmel meta jkun hemm hafna plastik mal-boldijiet jirrispondi li qatt ma qalulhom biex ma jimmartellawx. Iwiegeb ukoll:

*'Issa ma niftakarx x'kien qalli ezatt, imma hekk konma naghmlu . . . jien li rrid nghid kont kif ikun il-plastic. Fuq il-mould ma tistax issammar ovvja ghax aghmel il-hsara. Pero' inti din il-mould tinfetah fi tlett bicciet. Issa . . . kien fuq il-bicca ta' wara jigifieri jien hsara fuq il-mould mhux ha naghmel jekk insammar fuq il-plastic dejjem u prattika m'ghamilna qatt fil-post.'* (fol. 206/207)

Jinsisti li kieku dewweb flok sammar kien jiehu l-istess hin.

A fol. 215 mistoqsi dwar jekk hux minnu li fuq ix-xoghol kien hemm prassi li huma jimmartellaw biex inehhu l-plastik ir-rikorrenti iwiegeb li iva u li minn dejjem kienu jaghmlu hekk snin. Izid li dan ix-xoghol kien isir taht ghajnejn kulhadd nkluz id-Diretturi Frank u Derek u li kulhadd kien juza dan il-metodu tal-martell kemm hu, *shift leaders* ohra u anki *operators*. Jghid li huwa

tghallem jaghmel hekk minn ta fuqu u cioe' Derek. Jghid li f'istanzi bhal dak li huwa wegga' kellhom permess jimmartellaw:

*'Ifhem fil-course qalulna u anke Derrick qalilna u ovvja fejn tigi l-cavity, il-plastic qatt ma trid issammar. Igifieri fin-naha tar-runner iva, imma fuq quddiem ovvjha li le.'* (fol. 217)

Mistoqsi mill-Qorti fil-*course* x'qalulhom biex jaghmlu jwiegeb:

*'hu kien qalilna "ideali qatt ma trid timmartella certu plastic fuq il-cavity specjalment, qatt. Igifieri ssahhan u tnehhih." L-istess procedura ghamiltha bnadi wkoll. Jigifieri mhux hemmhekk biss.'* (fol. 218)

Mistoqsi ghalfejn ma jimmartellax fuq il-*cavity* jwiegeb li biex ma jaghmilx hsara lil *mould* izda hu ma kienx qed jahdem fil-*cavity* tal-*mould* dakinhar tal-incident izda fuq wara taghha. Jerga' jikkonferma li waqt il-*course* ma kienx qalilhom kif ghandhom inehhu l-plastic u jzid li mill-*course*:

*'jien li niftakar kif tizzarma l-mould u l-metodi li sahhan il-plastic u anke li tnehhieh jekk ikun hemm bzonn ghlafejn le, tista' ssammar fuq il . . . u tnehhi l-plastic, basta mhux fuq il-cavity u mhux fuq il-mould hux. Inti l-plastic qed tnehhi mhux il-hadid*.' (fol. 218)

Fl-atti xehdu diversi mpjegati ohra tas-socjeta' intimata msejha mir-rikorrent. Xehed a fol. 52 et seq tal-process **Dennis Grech** li kien ukoll *shift leader* mal-kumpanija. Dan ifisser li Dennis Grech kien imexxi *shift* differenti minn dak tar-rikorrent u ma kienx ikun xoghol fl-istess hin mieghu u ghalhekk ma rax l-incident isehh. Jghid li xoghol is-*shift leader* kien li tissettja l-magna u tara li qed tahdem u jekk ikun hemm xi problema jghajjatlek l-operator biex tissettja l-magna. Jghid li fil-magni mhux suppost ikun hemm *leaks*

tal-plastic. Mistoqsi fuq xoghlu x'kien jaghmel meta kien ikun hemm *leak* jghid li tara biex ser taqtghu jew tkisser fih ghax jigi bicca wahda. Trid tnaddfu ghax inkella ma tahdimx. Mistoqsi liema metodi kienu uzaw biex jaghmlu hekk iwiegeb:

'*Turnaviti u bil-martell u kellna saldatur ukoll*.' (fol. 55)

Jikkonferma li timmartella u ttajjar bit-turnavit. Jghid li kien hemm metodu iehor li kellhom *burner* li tipprova taqta'' l-materjal bih imma tibla' hafna foga u ma kellhomx maskri tan-nifs. Jghid li ma kienx hemm ghodda sewwa fuq il-post tax-xoghol. Skont dan ix-xhud fil-kaxxa tal-ghodda ma kien hemm xejn. Ghodda heavy duty ma kellhomx, kellhom biss turnaviti u tipprova ssib bicca hadida biex tahdem biha. Mistoqsi jekk biex jimmartellaw jekk kienux juwaw il-hadid iwiegeb:

*'Gieli konna nidhlu t-tool room u li nsibu hux, taht il-bank u kellna qishom blades.'*

Izid li kienu juzaw *blades* uzati li ma jkunux ghadhom tajbin ghall-iskop taghhom u juzawhom biex jaqtghu il-plastik bihom u jippruvaw isammru bihom il-materjali li jkun hemm. Jghid li ma kienux mormija kienu juzawhom huma biex jaqtghu il-materjal. Kienu jsahhnuhom u jaqtghu il-materjal bihom. Jikkonferma li kien jaghtihomlhom l-imghallem li kien ikun maghhom tul il-gurnata. Jghid li bhar-rikorrent kien jixtri ingwanti hu tal-plastic ghax li kienu tawhom ma kienux tajbin u jikkonferma li kienu jtuhom madwar tlieta u ghoxrin Euro fis-sena sabiex jinxtara 'safety shoes'. Jghid li sakemm telaq hu f'Jannar ta' qabel l-incident huwa kellu kaxxa tal-ghodda li ma kien fiha xejn lanqas nuccali. Jghid li l-kors li ghamel ma' Anthony Dalli kien fuq kif tissettja l-magni u tahlit tal-materjal.

A fol. 61 tal-process xehed **Joe Baldacchino** li wkoll kien impjegat mas-socjeta' intimata izda kien jahdem fit-*tool room*. Mistoqsi x'kienet provdietlu l-kumpanija bhala lbies ta' sigurta' jghid li kull sena kienet ittih ghaxar liri Maltin biex jixtri *safety shoes* u ghaxar Ewro ohra minn taht aktar mill-ohrajn biex joqghod kwiet. Mistoqsi jekk il-kumpanija provditlux *safety glasses* jghid li le u li hu kien juza tieghu kien gabu mieghu mit-tarzna. Qatt ma pprova jitlob wiehed bil-vista ghax skont dan ix-xhud idejn l-imghallem 'ma kinux merhijin' u ma kienx ser itihulu. Jaf li kien hemm nuccali iehor ta' Derrick. Jghid li lill-impjegati l-ohra ma kienx jarahom bin-nuccali. Jiftakar li l-ghada jew wara l-incident it-tifel tal-imghallem kien qassam is-*safety glasses*.

Dwar ghodda jghid li xoghlu kien li jsewwi l-*moulds* allura li kien jghid lill-imghallem jixtrilu bhala ghodda kien jixtrilu (fol. 64). L-ghodda tieghu kien isakkarha fit-tool room u ma jidhol hadd. Dwar l-ghodda tal-haddiema l-ohra jghid kif isegwi:

*'Iva min jiehu spanner, min jiehu turnavit. Huma ma kellhomx l-ghodda li kelli jien. Huma bicciet. Titah locker lanqas tinduna li huma turnaviti li kellhom huma. . . . Huma kellhom it-trolley taghhom attrezzat bl-ghodda suppost imma hafna drabi kienu jigu jissellfu minghandi.' (fol. 65).*

In kontro-ezami a fol. 247 et seq. jghid li x-xoghol normali fuq il-magni kienu jaghmluh is-*shift leader* jew it-tifel tal-imghallem Derek Saliba filwaqt li xoghol specjalizzat kien jigi persuna minn barra. Jghid li l-magni kien ikollhom hafna *leakages* taz-zejt u kienu jdumu biex jissewwew. Jikkonferma wkoll li huwa ma kienx prezenti meta sehh l-incident. Ikompli li kien jisma' lil haddiema jgergru li ma kellhomx ghodda u li kienu jmorru jissellfu

minghandu – kemm is-*shift leader* kif ukoll l-impjegati. Kien imur ghandu jissellef anki r-rikorrent ghalkemm kollha kellhom kaxxa tal-ghodda. Kienet normali li jissellfu l-ghodda minghandu ghax tieghu kienu ahjar u l-ghodda juzawha l-hin kollu. Jghid li lill-haddiema nklu Anthony Dalli qatt ma rahom jahdmu bis-*safety glasses*. Ma jafx jekk ir-rikorrent inghatax *safety glasses*. Jikkonferma li hu ma kienx inghata *safety glasses* mill-kumpanija u qatt ma ra l-haddiema l-ohra bih. Ma jafx li r-rikorrent kien inghata nuccali qabel l-incident.

A fol. 66 et seq tal-process xehed **Chris Borg** li kien *helper* u xi drabi *operator* mal-kumpanija. Ma kienx fl-istess *shift* tar-rikorrent. Jixhed li kellhom kaxxa tal-ghodda li kienet tas-*shift leader*. Jghid li kellu c-cavetta tat-*trolley* hu u go fiha kien hemm turnaviti, bicciet tal-hadid (fol. 67). Jzid illi li kien ikollhom bzonn kienu jghidu s-*shift leader* u jiftah il-kaxxa. Li ma kienux isibu kienu jaraw biex ser jinqdew. Bhala hwejjeg ta' protezzjoni jghid li wara tmien xhur li beda jahdem hemm inghata lilu *safety shoes* u jumejn wara li wegga' r-rikorrent ntalab jitla' l-ufficcju u tawh *safety glasses*. Jixhed li dakinhar ma kienx ra *safety glasses* fuq il-post tax-xoghol u ma jafx li shabu kellhom. Mistoqsi kif kienu juzaw il-bicciet tal-hadid jghid li kien ikollhom bicca plastik mwahhla go forma, isibu bicca hadid u jaraw kif ha jaqlawha. Ikompli li fil-verita' ma kinitx ghodda din il-hadida. Jghid ukoll li korsijiet fuq *safety* hu qatt ma nghata. Izid li meta tawh is-*safety glasses* qalulu li jekk ikun qed ibiddel xi materjal jew inaddaf xi *copper* jew bl-arja jilbsu. Mistoqsi jekk kienx hemm *safety officer* fil-fabbrika jghid li ma jahsibx.

In kontro-ezami a fol. 227 et seq tal-process jghid li ma jafx min kien responsabbli mill-kontenut tal-kaxxa tal-ghodda izda kien is-*shift leader* li jiftahilhom, jghidulu u jiehdu minnha u fl-ahhar l-ghodda terga'' tingabar. Jghid li kien jaf li fil-kaxxi tal-ghodda ma

kellhomx kollox izda bhala fatt x'kellu r-rikorrent ma jafx. Jikkonferma li kien wara li wegga r-rikorrent li nghata *safety* glasses' biex inaddaf il-materjali. Jixhed li ma jafx li r-rikorrent inghata *safety glasses* qabel l-incident u ffirma ghalih u qatt ma rah liebes is-*safety glasses*. Izid li lilu qatt ma nghatawlu dokumenti fuq *health and safety*. Jikkonferma li ma kienx prezenti meta sehh l-incident. Jghid li z-zjut kienu l-hin kollu jqattru minn hsarat fil-magni u l-esagerat kien jitnaddaf mill-*operator*. Mistoqsi jekk il-procedura kinitx li fejn ghandek *leaks* jibqghu ghaddejin sakemm ma jtirx il-pipe jghid '*ezatt*'(fol. 244). Jikkonferma wkoll li apparti s-*shift leader* kien ikun hemm l-imghallem.

Illi da parti tal-intimata bhala provi xehed permezz ta' affidavit **Derek Saliba** a fol. 131 et seq tal-process. Jixhed li huwa direttur flimkien ma' missieru tas-socjeta` intimata li ilha topera ghal madwar hmistax-il sena. Jghid li x-xoghol huwa ta' *injection mouldings* u jaghmlu hafna xoghol ta' *parts* tal-pupi ghall-Playmobil Malta Limited. Jaghti spjegazzjoni dwar kif hija mqassma l-kumpanija u dwar is-*shift leader* jghid illi hemm tlieta b'kollox wiehed ghal kull *shift* li huwa responabbli ghat-tim tieghu fosthom li jassigura ruhu li x-xoghol qieghed isisr kif ghandu jsir. Ghal dan il-ghan jiprezenta dokument intitolat *Employee High Level Reponsibilites* esebit a fol. 136 tal-process. Il-Qorti rat li dan id-dokument igib data tat-2 ta' Lulju, 2013 (cioe' wara l-incident) izda ma ghandu l-ebda firma fuqu. Jghid li t-tahrig tal-impjegati jsir il-hin kollu ghaliex hu u missieru jkunu fizikament prezenti fil-fabbrika tul il-gurnata u ghalhekk josservaw u jghallmu. Jghid ukoll li darba fis-sena jigbru l-impjegati fi gruppi u jaghmlu evalwazzjoni u min jidher baghtuh jergghu jghallmuh permezz tal-HR Manager Jason Schembri. Jixhed li t-tahrig lir-rikorrent u s-*shift leader* l-ohra kien tahulhom hu. Jaghmel referenza ghad-dokument esebit a fol. 154 tal-process intitolat *Shift leaders Training*

liema dokument jidher iffirmat mir-rikorrent fuq l-ahhar faccata tieghu izda ma jurix meta gie ffirmat. Jirrizulta li nhareg ukoll certifikat fis-sena 2011 favur ir-rikorrent esebit a fol. 159 tal-process dwar tahrig ulterjuri iffirmat minn tlett persuni li mhumiex Derek Saliba li izda jsostni li huma inginiera. F'partijiet ohra tal-process rrizulta li huma inginiera tal-kumpanija Playmobil.

Derek Saliba jghid ukoll li kull sena jsir ezercizzju ta' *risk assessment* u esebixxa dokument relatat mar-*risk assessment* tas-sena 2013 a fol. 169 et seq tal-process. Il-Qotti rat li dwar dak indikat bhala *correct protective equipmen'* dan ir-rapport jindika l-kelma iva u jirreferi ghal file izda ma jindikax appuntu x'tip ta' taghmir kien inghata sa dak il-punt. Rat ukoll li dan id-dokument iggib id-data bil-kitba tal-20 ta' Frar, 2013.

Derek Saliba jkompli fl-affidavit tieghu li l-haddiema jinghataw *safety shoes* u li r-rikorrenti kienet inghata l-ingwanti fit-23 ta' Novembru, 2009 u *safety glasses* fit-23 ta' Novembru 2009 u fil-15 ta' Marzu, 2011 u *first aid medical kit* nhar it-23 ta' Frar, 2010 u dan iffirma ghalihom fid-dokumenti esebiti a fol. 177 et seq tal-process. A fol. 179 jidhru ndikati *safety glass*. Jixhed li fis-sena 2011 kienu hargu *policy* fuq sigurta` u anki twahhlet fil-fabbrika esebita a fol. 184 tal-process. Dan id-dokument jitfa` r-responsabbilta` fuq l-hekk imsejjha 'coordinators' li mhix in-nomenklatura tar-rikorrent u l-Qorti tinnota li dan id-dokument ma jsemmix x'inhu l-*protective equipment/clothing* li suppost kellhom l-impjegati dak iz-zmien u titkellem biss b'mod generali. A fol. 185 et seq tal-process ix-xhud esebixxa *Statement of employer* datat 24 ta' Mejju, 2011 relattiv ghar-rikorrent li dwar ilbies protettiv jaqra kif isegwi:

*'No employees are allowed in factory without wearing a safety shoes – The Company gives a yearly safety shoes alllowance of Eur 23.30 paid every March of each Year.'*

Ghalhekk il-Qorti tirrileva li sa dak il-punt allura l-uniku ilbies protettiv mandatorju jidher li kien is-*safety shoes*. Dan ix-xhud jghid li r-rikorrent qatt ma gibed l-attenzjoni tieghu dwar xi nuqqasijiet min-naha tal-kumpanija dwar sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol. Jghid li min-naha tieghu meta jara xi nuqqasijiet jigbdilhom l-attenzjoni u gieli bghat anki nies id-dar.

Dwar dakinhar tal-incident dan ix-xhud jghid li kien xoghol sal-4.00p.m. allura ma kienx prezenti meta sehh l-incident. Ircieva telefonata ghall-habta tal-10p.m. li permezz taghha gie nfurmat li r-rikorrent kien dahhal farka f'ghajnejh. Skont dan ix-xhud l-impjegati l-ohra qalulu fuq fuq x'kien gara u li ma kienx hemm bzonn imur il-fabbrika u li kienu ser johduh il-polyclinic. Jghid li qalulu li r-rikorrent ma riedx imur il-polyclinic u shabu wassluh ghand it-tfajla tieghu. Dak li jaf dwar l-incident kif sehh qalulu Johann Sciberras is-*shift co-ordinator* l-ghada kif isegwi:

*'qalli li kien lleakja l-plastic go mould, ir-rikorrent qala' l-mould minn fuq il-magna u kien qieghed inadaffha. Sciberras qalli li r-rikorrent beda' jsammar bi blade tas-sega minn dawk il-hoxnin, u beda' jsammar bil-martell. Ovvjament, bl-imartellar, tar xi haga ghal go ghajnejh.'* (fol. 134)

Dwar kif ghandu jsir ix-xoghol meta jkun hemm *leak* jghid li meta jkunu affarijiet zghar:

*'l-impjegat ghandu jew jsahhan il-blade sakemm* tkun *piping hot* sabiex iddewweb il-*plastic* jew billi jintuza r-ramm' (fol. 134).

Skont ix-xhud l-ghada hu ccekkja l-magna in kwistjoni u sabha qed tahdem normali minghajr intoppi.

Skont ukoll dan ix-xhud meta r-rikorrent dahal lura ghax-xoghol kien taht il-verzjoni tal-incident kif isegwi:

'qalli li kienet illeakjat il-*mould* u, peress li kien sar il-hin sabiex jispicca ix-*shift*, ipprova jghaggel billi jsammar bil-*blade*. Jiena ghidtlu minnufih li din mhux biss ma kinitx procedura izda li dan kien ta' perikolu; barra minn hekk, ghidtlu li peress li kien diehel ix-*shift* ta' warajh, setghu jkomplu dan ix-xoghol dawn il-haddiema. Ir-rikorret qalli li kien it-tort tieghu anke ghaliex ma liebisx in-nuccalli protettiv.' (fo. 135)

Dwar dak li xehed ir-rikorrent li x-xoghol li kien qed isir dak il-hin tal-incident kien wiehed urgenti, dan ix-xhud jichad li kien urgenti u jesebixxi dokumentazzjoni a fol. 189 et seq li jghid li tindika liema xoghol kien urgenti f'dik il-gurnata.

L-istess xhud in kontro-ezami a fol. 326 et seq tal-process dwar *leakages* ta' zejt fil-magna jghidli kien ikun hemm dejjem u tara kif tnaqqas kemm tista'. Jghid li kien ikun hemm *cleaners* inaddfu z-zejt kuljum. Mistoqsi dwar in-nuqqasijiet li jirrizulta mid-dokumenti prezentati minnu dwar ir-*risk assessment* ma jwegibx ghajr li jghid li *First aid box* kellhom gol-kaxxi.

Dwar meta taha t-tahrig lir-rikorrent huwa jwiegeb li kien fil-bidu meta kien beda bhala student u sar meta beda l-impjieg. Jikkonferma wkoll li d-dokument li esebixxa dwar dan it-tahrig mhux datat. Jikkonferma wkoll li t-taghmir protettiv moghti lill-

atturi kienu ingwanti u *safety glasses* fis-sena 2009, fis-sena 2010 *First aid kit* u fis-sena 2011 inghata *safety glasses* iehor.

Jixhed li fi zmien l-incident kien missieru Frankie Saliba il-*Health and Safety Officer* tal-kumpanija. Izda jghid li jekk il-haddiema kien ikollhom bzonn taghmir protettiv kienu jistaqsu lil Edward Azzopardi jew certu Jason allavolja l-avviz kien jaqra sabiex jikkuntattjaw il-*Health and Safety Officer*. Jsostni wkoll:

*'Jekk jonqoshom xi ingwanti jew jitqattghulhom jew jinkiser is-safety glasses kienu jigu fl-office u intuhom hu.'* (fol. 338)

Jaqbel li fil-verita' min kien ikun parti mix-xift kien jistaqsi lilu jew lil missieru sal-erbgha ta' wara nofsinhar. Jghid ukoll li mhux dejjem lilu skont min kien ikun hemm.

Mistoqsi jekk kienx idum biex jirrimpjazza ghodda jichad u wkoll izid li dejjem kien ikun hem ghodda 'in stock'. Jispecifika li ghodda li juzaw il-hin kollu kien ikollhom ezempju *alankeys* u *spanner* ghodda li jigrilha hsara aktar rari kienu jridu jixtruha. Mistoqsi kienx idum biex igib din l-ghodda jirrispondi 'skond' (fol. 341). Mistoqsi jekk ir-rikorrent spiss kien jilmenta li l-ghodda li kellu fit-*trolley* ma kienux bizzejjed ghax-xift shih jghid li jista' jkun li gieli qalli izda skont hu ghall-kumpanija kienu bizzejjed biex tahdem. Mistoqsi jekk l-attur kienx ukoll jiehu l-ghodda tieghu mid-dar jghid li darba ha *adjustable spanner* u kien izommu fil-kaxxa tal-ghodda. Dwar l-ilment li l-ingwanti li kienet taghti l-kumpanija ma kienux tajbin ix-xhud ma jaqbilx u jghid li kienu l-impjegati li ddecidew li jixtru l-ohrajn tal-plastik. Skont dan ix-xhud l-ingwanti li kienu jixtru l-impjegati fosthom ir-rikorrenti kienu biex ma jhammgux idejhom. Jghid li kien jaghti permess specjali meta dawn jistghu jintuzaw.

Dwar l-incident mistoqsi jekk kellmux direttament l-attur fuq it-telefon wara l-incident u talbu biex johduh l-isptar jghid li le u li l-haddiema kienu qalulu li ma riedx imur il-polyclinic. Jghid li staqsa jekk kellux bzonn imur u l-haddiema qalulu le. Jghid:

'Jien ma kontx naf il-gravita' tal-incident.' (fol. 347)

Dwar il-metodu ta' xoghol uzat waqt li sehh l-incident ix-xhud jghid li s-soltu meta jkollhom xi *leakages* dejjem kienu jsahhnu l-plastic:

*'Xhud: Insahhnu l-blade, xi haga irqiqa biex inqattghu il-plastic. Issa ghalxiex mar isammar ma nafx jien.*
*Dr. Maxine Gatt: Jigifieri qed nifhmek sew illi inti qed tghid illi dakinhar ir-rikorrenti uza metodu gdid li ma kienx jaf x'ha jigri jekk juza dan il-metodu l-ewwel darba. Inti qatt ma rajt xejn u dakinhar stess?*
*Xhud: Iva.*
*Dr. Maxine Gatt: Hekk qed tghid? Jigifieri inti qatt ma rajt impjegati ohrajn jaghmlu l-istess haga?*
*Xhud: Le qatt ma rajt.*
*Dr. Maxine Gatt: Dawn id-drabi kollha li inti kont fuq is-shop floor?*
*Xhud: Le is-soltu dejjem insahhnu il-hadid konna.'* (fol. 349 u 350).

Jichad li qabel l-incident dakinhar ir-rikorrent qallu li kien hemm *leakage* tal-magna. Jghid li jekk 'tillikja' l-magna darba mhux ha tibqa'' ghaddejja, tieqaf, ma tistax tkompli ghaddejja bix-xoghol. Jichad ukoll li ta struzzjonijiet lill-attur dakinhar li l-ordni kien qieghed urgenti u jaghmel referenza ghad-dokumenti li esebiti minnu mal-affidavit. Jichad ukoll li l-istruzzjoni inghatat verbalment.

Mistoqsi dwar meta effettivament l-attur mar ikellmu fil-fabbrika jghid li jista' jkun li wara l-incident ma marx ir-rikorrenti bil-karti ghandu izda marret it-tfajla tieghu. Mistqosi allura li ma kienx ir-rikorrent li qallu kif sehh l-incident kif qal fl-affidavit tieghu jghid li 'Issa ma nafx meta'.

A fol. 266 et seq xehdu l-Inginiera tal-Playmobil li l-kumpanija intimata ssotni li gew mqabbda jaghmlu l-kors lill-haddiema nkluz lir-rikorrent fis-sena 2011. A fol. 266 jixhed l-**Inginier Ronald Attard Pullicino** jikkonferma li kien tqabbad mill-kumpanija intimata sabiex jaghmel il-kors. Kien kellmu specifikatament Derek Saliba u missieru Frankie Saliba. Jirrizulta li tnejn mill-inginiera kienu jahdmu mal-Playmobil filwaqt li l-enginier Seguna kien inghaqad maghhom. Il-kors kien fuq dik li tissejjeh *injection moulding*. Dan ix-xhud jghid li l-kors primarju kien sabiex *stackers, technicians* jitghallmu jaghmlu x-xoghol:

'*in the right way mhux just trial and error*' (fol. 267).

Isostni wkoll li l-parti prattika fuq il-magni saret minn Patrick Cassar. Dwar jekk hu messx is-suggett dwar meta plastik jehel fil-*mould* jghid li hu ma dahalx f'dak is-suggett.

A fol. 271 et seq xehed **Patrick Cassar** li jghid li l-parti tal-kors li saret minnu kienet il-parti prattika:

*'hands on fuq il-magni u t-traiunees kienu l-impjegati li ser jahdmu fuq l-istess magni fil-kumpannija.'* (fol. 272).

Jixhed li t-tahrig li taha kien kif isegwi:

*'Tajt tahrig vis-a-vis il-forma ghax dan il-process jinkludi li l-forma titpogga fuq magna u l-forma tatik is-shape ta' l-item li l-magna qed tipproduci, ghamilna tahrig fuq kif il-forma tehel fuq il-magna, tajt introduction ukoll ghall-magna, il-components taghha u minn xiex trid toqghod attent, imbaghad ghamilna partijiet fejn iddiskutejna s-setting, il-parameters tal-magna vis-a-vis il-ftuh u l-gheluq tal-forma u eventwalment ukoll ghamilna training ta' kif timtela' l-forma bil-plastic.'* (fol. 272)

Mistoqsi x'ghandu jsir meta jehel il-plastik gol-forma jghid li ghandha jintuza virga tar-ramm biex tinqala' l-plastik koncernata (fol. 273). Mistoqsi jekk ghandux jinhall iwiegeb li le jitnehha. Dwar x'ghandu jsir meta jehel il-plastik fir-*runner*:

*'Runner huwa bicca plastic, il-parti li mhux ha tintuza, it's waste pero xi kultant imur xi haga hazina u tehel fil-forma allura l-magna ma tkunx tista' tibqa'' tipproduci. Ir-runner tkun trid tinqala'. Issa good practise jirrikjedi li inti jkollok virga tar-ram u ssammar bir-ram biex il-plastic jinqala' u l-passagg jerga' jigi liberu biex tkun tista' tingektja l-plastic gol-forma mill-gdid.'* (fol. 273)

A fol. 274 mistoqsi jekk semmiex ilbies protettiv waqt li tkun qed issir il-procedura biex jitnaddaf ir-*runner* iwiegeb:

*'Le jien ma semmejtx ilbies fit-tahrig vis-a-vis din it-tnehhija ta' runner... ghax ma jirrikjedix apparti l-protection safety wear standard. Jekk inti qieghed fuq il-post tax-xoghol trid tilbes safety shoes. Mhux ha tilbsu ghal din l-operazzjoni imma jekk safety shoes ghandek shift ta tmien sieghat u jrid ikun milbus, trid tilbsu . . . Bad practise li nitlaqa' maghha fuq il-post tax-xoghol jien li generalment jintuza turnavit biex isammru imma ovvjament imbaghad il-forma tiddamigja ruhha. B'hekk ahna we preach good practise li tintuza virga tar-ram ghax ir-ram huwa artab.'* (fol. 274)

Ix-xhud izda jispjega li hu waqt il-kors ma tkellimx fuq *leakages* izda biss meta jehel il-plastik gol-forma mhux barra. Mistoqsi f'liema cirkostanzi ghandu jintuza r-ram iwiegeb:

*'Ic-cirkostanzi tant jistghu jkunu varji, jien ma kkoverjatjtx ic-cirkostanzi kollha.'* (fol. 275)

Is-socjeta intimata ressqet ukoll affidavit ta' **Edward Azzopardi** impjegat maghha bhala *stores manager.* Jixhed li ghalkemm ix-xoghol tieghu fuq is-*shop floor* huwa limitat isostni li kemm hu u kemm Derek Saliba kienu u ghadhom jinzlu fejn il-haddiema sabiex jassikuraw ruhhom li jkunu liebsin l-ilbies protettiv necessarju. Hu jiccekkja wkoll taghmir iehor bhal *fire extinguishers* u *first aid*. Jsostni li kull sitt xhur kien jibghat ghal kull impjegat sabiex jaghmel *spot checks* dwar l-ilbies u taghmir protettion inkluz *safety shoes* u *safet glasses,* ingwant ecc. Jispjega izda li qabel ma sehh l-inident in-nuccali kien jinghata biss lix-*shift leader* ghaliex skont dan ix-xhud kienu l-unici nies li juzaw in-nuccali ghaliex l-impjegati l-ohra ma kienx xogholhom isewwu jew jirrangaw il-magni. Jghid li jsiru *audit* regolari wiehed intern kull tlett xhur u iehor ester kull sena u dawn jigu dokumentati. Jghid li dwar rimpjazzar ta' taghmir protettiv hu kien jinsisti mal-impjegati li jmorru ghandu jirrapurtaw u jaghti *replacement* minnufih u dan anki qabel l-incident. Skont dan ix-xhud ir-rikorrenti kien wiehed minn dawk illi kien jilbes in-nuccali ta' spiss minghajr ma jkollu ghalfejn jigbidlu l-attenzjoni hu. Jghid ghalhekk li skanta meta qalulu x'gara ghax kien jipretendi ahjar mir-rikorrenti. Skont dan ix-xhud:

*' . . . l-uzu tan-nuccali fix-xoghol ta' shift leader/mould setter ma kienx wiehed kontinwu. Fil-fatt l-uzu tan-nuccali kien limitat ghal processi li*

*serghu jesponu l-ghajn bhal, per ezmpju, tindif bl-arja u affarijiet li jinvolvu l-hrug ta' plastic u materja.'* (fol. 310)

Dwar dak li sehh wara l-incident jixhed kif isegwi:

*'Wara li sehh dan l-incident, naf li saret evalwazzjoni min-naha tad-diretturi tal-kumpannija u, bhala prekawzjoni adizzjonali, kienet ittiehdet decizjoni illi jinghata nuccali protettiv lil kull impjegat irrispettivament jekk kellux bzonnu f'xoghlu jew le. Din id-decizjoni baqghet fis-sehh sal-gurnata tal-lum.*

*Min-naha tieghi nista' nghid illi l-kumpanija qatt ma kellha diffikulta' illi, f'kaz ta' htiega ta' rimpjazzamnet ta' xi tghamir, dan taghmlu minnufih. Barra minn hekk, nista' nghid illi d-dirigenti tal-kumpannija huma hand on, il-hin kollu fuq il-ant tax-xoghol, jissroveljaw u jtammbru mal-haddiema sabiex jilbsu l-ilbies protettiv.'* (fol. 311)

In kontro-ezami a fol. 354 et seq jixhed li l-*istores* u l-administration (ufficcju) ma jinsabux fl-istess post. Jghid li fil-parti l-kbira jahdem mill-ufficju u li sabiex tmur fl-*istore* trid tghaddi bilfors mis-*shop floor*. Ghalhekk jirrispondi li l-persuna li kienet tkun direttament xoghol mal-magni kien Derek id-direttur. Hu jdur kullimkien, jghaddi u josserva u li dan kien parti minn xoghlu. Jikkonferma li xoghlu principalment kienu l-ordnijiet u l-ipprocessar tal-materjal. Jghid li xoghlu kien ukoll li jdur l-affarijiet ta' sahha u sigurta fosthom fire extinguishers ecc. Jikkonferma li hu ma kienx il-*Health and Safety Officer* u li l-impjegati kienu jafu li ma kienx il-*Health and Safety Officer* izda hu kien il-persuna mqabbad mill-kumpanija biex jaghmel dan ix-xoghol. Hu kellu biss x'jaqsam ma *fire extinguishers* u lbies protettiv. Mistoqsi kif allura l-haddiema li xehdu fil-process qatt ma rawh jaghmel dawn l-ispezzjonijiet jghid:

*'Li kont naghmel zgur li kont intellaghhom kull sitt xhur jiffirmawli illi huma ghandhom l-affarijiet protettivi . . . . jekk jiena qed nigbor il-fire extinguishers nahseb qed jarawni nigbor il-fire extinguishers'* (fol. 361)

Jghid ukoll li hu ma jidholx fuq magni. Mistoqsi wkoll kemm ilu jaghmel ix-xoghol ta' *spot checks* jghid li ma jiftakarx jekk hux qabel l-incident izda kemm ilhom isiru l-'ISO's. Jichad izda li bdew jaghmluhom biss wara l-incident ghax hi parti mill-procedura tal-'ISO' li jaghmlu l-*ispot checks'*.

Jikkonferma li l-ghada li sehh l-incident in kwistjoni l-kumpanija qassmet in-nuccalijiet lil kull min kien jahdem fis-*shop floor* hdejn il-magni.

Mistoqsi jekk in-nuccali kienux juzawh ukoll l-impjegati kollha jichad u jghid li kienu jtuh lis-*shift leader* u li mhux suppost juzawh l-ohrajn:

'*Inghata in-nuccali wara l-incident ghax iddiskutejna bhala Managament u bhala pre-caution iddecidejna li naghtu nuccali lil kulhadd*.' (fol. 365)

Dwar il-*log* esebit kontenti l-ghodda u taghmir protettiv li jinghata lir-rikorrent jghid li ghalkemm dan juri s-sena 2011 jispjega li jekk hu jaghti xi haga din titnizzel fil-'log' ghalhekk skont dan ix-xhud jibqa'' jigi aggornat l-istess dokument. Jghid li l-ingwanti li nghataw lir-rikorrent kienu tal-gilda u li ma jafx li n-nuccali tal-attur kien imkisser. Finalment mistoqsi jekk il-haddiema kienux igergru fuq in-nuqqas ta' ghodda jghid li hu ma jidholx fuq ghodda.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi mill-provi esebiti fl-atti jirrizulta s-segwenti dwar il-punti relevanti ghall-incident:

1. Mhux kontestat bejn il-partijiet li sehh l-incident fuq il-post tax-xoghol u li fih l-attur soffra debilita permanenti;

2. Mhux kontestat ukoll illi fis-sena 2011 u probabilment anki qabel ir-rikorrenti inghata *safety goggles* li kien jinzamm fil-kaxxa tal-ghodda;

3. Ma hemmx qbil izda bejn il-kontendenti jekk dan is-*safety goggles* kienx ghadu intatt dakinhar tal-incident. Min-naha tieghu l-attur jixhed li dan in-nuccali kien inkiser, talab rimpjazz tieghu lil Derek Saliba u li sa dakinhar tal-incident kien ghadu ma nghatax iehor gdid. Da parti tal-kumpanija ssostni li fis-sena 2011 kien inghata t-tieni *safety goggles* lill-attur u tichad tramite x-xhieda Derek Saliba u Edward Azzopardi li dan talab li jinghata iehor;

4. Ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar jekk ix-xoghol li kien qed isir fuq il-magna in kwistjoni li fuqha sehh l-incident kienx wiehed urgenti. Ir-rikorrent da parti tieghu jghid li meta nforma lil Derek Saliba li l-magna kienet qed tillikja dan qallu verbalment li x-xoghol kien wiehed urgenti u sabiex jiehu pacenzja u jnaddaf il-magna kull meta din tillikja u jkompli bil-produzzjoni. Min-naha taghha l-kumpanija tramite l-istess Derek Saliba jichad li r-rikorrent kien kellmu u li hu qallu li x-xoghol kien wiehed urgenti u biex jibqa'' ghaddej bix-xoghol.

5. Ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar il-procedura li kellu jadopera r-rikorrent la darba kien hemm il-*leak* fil-magna u gie l-

bzonn li jnehhi l-plastik minn mal-mould. L-attur jghid li sa minn dejjem huma uzaw zewg proceduri jew li jimmartellaw b'hadida biex jaqilghu il-plastik jew isahhnu l-hadida u jaqtghu il-plastik. Da parti taghha l-kumpanija intimata tghid li l-procedura qatt ma kienet li wiehed jimmartella l-hadida izda li tissahhan il-hadida biex jinhall il-plastik u jitnehha.

**Kunsiderazzjonijiet ulterjuri:**

Il-Qorti rat li l-partijiet lkoll jaqblu li qabel l-incident kien hemm *safety goggles* fil-kaxxa tal-ghodda tar-rikorrent. Ir-rikorrent izda jixhed li dan inkiser u hu talab lil Derek Saliba sabiex jaghtih iehor, xhur qabel sehh l-incident. Skont ir-rikorrent dan in-nuccali l-gdid kien ghadu ma wasalx sa dakinhar tal-incident u ghalhekk ma seta'x juzah fuq ix-xoghol. Fil-kontro-ezami tieghu ir-rikorrent jammetti car u tond li kieku kellu n-nuccali u kien liebes in-nuccali dakinhar tal-incident ma kienx iwegga'.

Da parti tal-kumpanija Derek Saliba jichad li dan in-nuccali ntalab lilu mir-rikorrent. Edward Azzopardi li jsostni li huwa l-inkarigat mit-taghmir protettiv jirreferi ghad-dokumentazzjoni li tirreferi li l-attur inghata nuccali fis-sena 2011 u li r-rikorrent lilu ma talbux rimpjazz tal-istess.

Il-Qorti rat izda li bosta mix-xhieda li ressaq l-attur u li kienu jahdmu fil-fabbrika lkoll jikkonfermaw li kull xift kellu nuccali wiehed protettiv li kien jinzamm fil-kaxxa tal-ghodda. Xhud partikolari lmenta li dan kien ikun mitfugh mal-ghodda u li ma kienx ser jilbsu wara li jkunu libsuh ohrajn u jkun bit-trab. Ix-xhud Edward Azzopardi jikkonferma li qabel l-incident kien jara spiss lill-attur liebes in-nuccali protettiv u dan iwassal lill-Qorti sabiex temmen il-verzjoni tal-attur li meta hu kellu nuccali a

disposizzjoni tieghu kien juzah. Rat ukoll li Derek Saliba li jichad li ntalab in-nuccali mir-rikorrenti fil-kontro-ezami tieghu bidel bosta mill-verzjoni li huwa taha fl-affidavit proprju fosthom dwar meta effettivament inghata t-tahrig lill-impjegati, dwar liema ghodda kienet tkun disponibbli mill-ewwel u liema kien ikun hemm bzonn tinxtara, dwar min kien effettivament mar il-fabbrika wara l-incident jekk hux ir-rikorrent jew it-tfajla tieghu, dwar jekk hux minnu li kien ir-rikorrent li tah il-verzjoni tal-incident jew le u wkoll dwar lil min l-impjegati kienu jitolbu ghall-ghodda nieqsa fejn finalment jammetti li hafna drabi lilu jew lill-missieru kienu jitolbuhom ghax huma kienu jkunu prezenti. Minn dan kollu l-Qorti tqis li fil-kontro-ezami tieghu Derek Saliba jaghti l-idea li ma kienx daqshekk cert minn dak li xehed fuqu fl-affidavit tieghu stess u dan iwassal sabiex il-Qorti ma tqisx ix-xiehda tieghu bhala wahda kredibbli. Sahansitra Derek Saliba xehed li r-rikorrent mhux minnu li cempillu biex jghidlu li l-magna qed 'tileakja' meta hareg car li s-*shift leaders* kienu jirrispondu direttament lilu u kull ma kien jinqala' dejjem hu kien il-punt ta' referenza ghalihom. L-istess xhud izid li l-ghada ccekkja l-magna u sabha tahdem sew allura l-Qorti tistaqsi ghal x'inhi r-raguni li sehh l-incident jekk il-magna ma kinitx qed tileakja! Dawn l-inkonsistenzi tax-xhud lkoll isahhu l-konvinzjoni tal-Qorti li Derek Saliba ma xehdx il-verita`.

Illi wkoll rrizulta lill-Qorti mill-assjem tax-xiehda ta' Derek Saliba, Edward Azzopardi u anki tal-impjegati l-ohra, li effettivament l-impjegati l-aktar li kien ikollhom komunikazzjoni fuq il-post tax-xoghol kien ma' Derek Saliba u hadd aktar. Hareg car li kien hu l-punt ta' referenza bejn il-haddiema u l-bqija tal-kumpanija u dan japplika wkoll ghar-rikorrent. Tant hu hekk li meta sehh l-incident l-impjegati cemplu li Derek Saliba u lil hadd aktar.

Ukoll il-Qorti rat li ghalkemm Edward Azzopardi fl-affidavit tieghu taha x'jifhem li hu kellu kollox taht kontroll ghal dak li hu taghmir protettiv mill-kontro-ezami hareg li l-procedura kienet ferm differenti minn kif jaghti x'jifhem fl-affidavit tant li ghalkemm hu xehed li kienu jsiru bosta proceduri b'mod regolari, finalment fil-kontro-ezami jammetti li zgur li kien isir kien li jibghat ghalihom kull sitt xhur u ma jikkonfermax l-*ispot checks* imsemmija precedentement minnu. Sahansitra dan ix-xhud mhux cert jekk l-allegati spot checks u proceduri ta' *health and* safety kinux isiru qabel l-incident jew wara.

Illi min-naha tieghu r-rikorrent sostna l-verzjoni tieghu wkoll fil-kontro-ezami u baqa' jinsisti li hu talab ir-rimpjazz tan-nuccali xhur qabel l-incident lil Derek Saliba. Tant jibqa' jsostni l-verzjoni tieghu li jammetti li kieku kellu n-nuccali ma kienx isehh l-incident. Il-verzjoni tal-attur ghal dak li jirrigwarda skarsezza ta' ghodda, il-mod hazin li kienu mizmuma l-magni b'dan li kienu dejjem jileakjaw, x'taghmir protettiv kienu inghataw u n-nuqqas ta' tahrig almenu ghal dak li kien sahha u sigurta lkoll giet korroborata minn xhieda ohra mpjegati tal-fabbrika fosthom Dennis Grech u Chris Borg.

Din il-Qorti in vista tal-inkonsistenzi bejn ix-xhieda mressqa mill-kumpanija intimata u dik tar-rikorrenti kif komfortata mill-istampa li jaghtu tal-istat mhux daqshekk fil-fabbrika ghal dik li hi ghodda u rimpjazz dejjiemi tal-istess (nkluz taghmir protettiv) mill-impjegati l-ohra temmen li l-verzjoni veritiera hi li r-rikorrent verament tkissirlu n-nuccali u li talab rimpjazz tieghu lil Derek Saliba u li sal-mument tal-incident dan ma kienx gie rimpjazzat. Johrog car li sa dakinhar tal-incident il-kumpanija ntimata ftit li xejn kienet taghti mportanza lil dan it-taghmir ta' protezzjoni cioe' n-nuccali bhala ghodda essenzjali fuq il-post tax-xoghol tant li tat

wiehed biss lil kull xift u li ried jintuza bejn diversi nies fl-istess xift ghalkemm huwa minnu li rrizulta li l-aktar li kien ikollu bzonnu kien ix-xift leader. In oltre il-Qorti tqis li l-fatt li nuccali protettiv jitbiddel fis-sena 2011 u jithalla fil-kaxxa tal-ghodda ghat-trab u l-grif fuq sentejn qabel sehh l-incident jimmilita wkoll favur il-probabilita' li dan verament inkiser u kellu bzonn jigi rimpjazzat. Hareg ukoll car li l-kumpanija qieset biss verament il-bzonn tan-nuccali protettiv fuq il-post tax-xoghol wara li sehh l-incident tant li sa gurnata wara baghtet ghall-impjegati kollha u tathom wiehed kull wiehed. Dan jikkontradixxi ferm max-xiehda ta' Edward Azzopardi li xehed li mhux l-impjegati kollha kellhom bzonn in-nuccali protettiv. Tant hu hekk li meta effettivament wara l-incident inghata n-nuccali protettiv l-istruzzjonijiet li nghataw lill-**impjegati kollha** (emfazi tal-Qorti) kien li juzawh meta jkunu qed inaddfu jew inehhu xi materjal.

Illi in vista tal-konkluzjonijiet suesposti l-Qorti tqis allura li gie pruvat sal-grad tal-probabbli rikjest mil-ligi li ghalkemm ir-rikorrent kien inghatalu nuccali protettiv dan kien inkiser qabel l-incident u ghalhekk Derek Saliba gie mitlub jirrimpjazzah dan ma kienx inghata lir-rikorrent. Ghalhekk ir-rikorrent ma seta'x jaghmel uzu minnu dakinhar li sehh l-incident.

Illi dwar il-metodu ta' kif kellu jitnehha l-plastik minn mal-'mould' fil-kaz partikolari l-Qorti jirrizultalha li ghalkemm waqt il-kors l-impjegati nghataw struzzjonijiet sabiex juzaw ir-ram biex ma jkissrux il-'mould' fil-parti ta' gewwa taghha minn imkien ma rrizulta mix-xhieda li effettivament fil-kaxxi tal-ghodda l-impjegati fosthom ir-rikorrent kellhom a disposizzjoni taghhom ir-ram. Irrizulta fil-fatt li anki l-istess Derek Saliba kkonferma fil-kontro-ezami li kemm hu kif ukoll l-impjegati kienu juzaw bicciet tal-hadid li kienu jithallew fil-kaxxa tal-ghodda ghal dan il-ghan

wara li ma jibqawx tajbin ghall-uzu partikolari taghhom. Il-Qorti tinnota l-uzu tal-kelma ‘hadid’ diversi drabi fil-kontro-ezami ta’ Derek Saliba. In-nuqqas tal-bicciet tar-‘ram’ jistona sew u xejn ma jikkorobora favur is-socjeta’ ntimata la darba hareg car mix-xiehda tat-tlett enginiera li l-uzu tar-‘ram’ sabiex isir it-tindif kien mandatorju. Jirrizulta ghalhekk li dan kien nuqqas ferm gravi da parti tas-socjeta’ ntimata. Hareg ukoll illi kieku dakinhar tal-incident kienet qed tintuza virga tar-ram u mhux tal-hadid biex isir it-tindif tal-magna l-possibilita’ kienet li din ma tinkisirx u ttir f’ghajnejn ir-rikorrent bhal ma ghamel il-metall ghaliex appuntu hija maghrufa bhala *soft metal*.

Illi in oltre rrizulta mill-provi li l-kumpanija ntimata naqset milli tipprovdi lill-impjegati taghha b’martell ‘soft mallett’ u pprovdiet biss martell normali tal-hadid b’dana li l-impjegati ma kellhomx alternattiva li meta jsammru l-hadid biex jaqilghu il-plastik ikunu qed isammru hadid ma’ hadid.

Illi din il-Qorti rrizultalha li effettivement il-procedura adoperata fix-*shop floor* sabiex jitnehha plastik minn mal-‘mould’ kienet differenti f’kaz li l-plastik ikun fuq in-naha ta’ barra tal-mould u mhux gewwa dik il-parti fejn hemm il-forma tal-oggett li qed jigi manifatturat. Fil-kaz tal-incident odjern il-plastik kien fuq in-naha ta’ barra tal-forma tant li l-forma ma setghetx tinqala’ kif jispjega r-rikorrent ghaliex il-boldijiet kienu miksija bil-plastik imdewweb fuqhom. Ir-rikorrent xehed li f’kazijiet bhal dawn fejn ma kienx hemm il-biza li ssir hsara lill-forma huma minn dejjem uzaw il-prattika li jsammru b’hadida biex jaqilaw il-plastik liema procedura izda tiddependi wkoll fuq l-ammont ta’ plastik li jkun ghaqad. Kien hemm procedura ohra li l-hadida li tintuza ghat-tismir tigi l-ewwel msahhna izda skont ir-rikorrent u wkoll impjegati ohra din il-procedura kienet timla l-fabbrika bir-riha ta’

hruq tal-plastik filwaqt li l-haddiema ma kellhomx maskri ghal dan il-ghan. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li fil-kaz tal-incident partikolari fejn kien hemm il-boldijiet kien dejjaq u ghalhekk ma seta'x idahhal il-*blow lamp* u bilfors kellu jara kif jaghmel biex jaqla' l-plastik.

Il-Qorti rat ukoll li l-istess Derek Saliba fil-kontro-ezami tieghu jghid li kien jintuza l-hadid biex jissammar izda jinsisti li dejjem kien jissahhan. Dan ma qablux mieghu mhux biss ir-rikorrent izda wkoll impjegati ohra li xehdu fl-atti li tressqu mir-rikorrent kif gia suespost.

Il-Qorti wara li evalwat il-verzjonijiet kollha fl-atti tqis li bejn il-procedura perfetta li tipprova taghti x'tifhem il-kumpanija intimata u dik li verament kienet adoperata fil-fabbrika almenu sa dakinhar l-incident kien hemm bosta differenzi. Fejn suppost kien jintuza r-ram kien jintuza l-hadid u fejn suppost kien jintuza martell *soft mallet* il-kumpanija kienet tipprovdi martell normali tal-hadid. Ukoll hareg car li mhux f'kull kaz kienet tissahhan il-hadida qabel ma jitnehha l-plastik izda l-prassi kienet li skont id-daqs tal-plastik li jrid jitnehha l-impjegat imexxi jew billi jsammar u din tinqala jew tissahhan il-hadida u l-plastik jinqata skont id-daqs tal-plastik li jkun ingema u ghaqad. Din il-Qorti hija konvinta mix-xhieda li tressqu quddiemha, li Derek Saliba li kien fuq ix-'shop floor' ta' kuljum kien jaf ben tajjeb li l-impjegati hekk kienu jahdmu, dan ghal snin twal u qatt ma waqqafhom.

Illi l-Qorti tqis ukoll li huwa nutli li l-kumpanija tistrieh fuq il-kors li nghata mill-Inginiera fis-sena 2011 ghaliex dawn ghamluha cara li huma ma dahlux fuq taghmir protettiv oltre z-zarbun u wkoll li l-kors ma kienx jinkludi tahrig dwar it-tnehhija tal-plastik minn barra l-*mould*.

Stabilit li r-rikorrent ma kellux a disposizzjoni tieghu nuccali ta' protezzjoni u li l-procedura adoperata minnu kienet wahda normali uzata konsistentement fil-post tax-xoghol in kwistjoni jonqos li jigi stabilit allura jekk ir-rikorrent kienx gjustifikat li nonostante l-hsara fil-magna jibqa' ghaddej bil-produzzjoni b'tali mod li spiccca wegga'.

Illi l-partijiet kif gia inghad ma jaqblux dwar jekk ix-xoghol li kienet qed taghmel il-magna partikolari kienx wiehed urgenti jew le skont l-ordnijiet bil-miktub. Ir-rikorrent da parti tieghu qatt ma sostna li bil-miktub dan l-ordni kien indikat bhala urgenti izda jsostni li meta nforma lil Derek Saliba li l-magna kienet qed tileakja l-plastik b'tali mod li kienet qed tieqaf dan tal-ahhar qallu li x-xoghol kien urgenti u li ma kienx jippermetti li jieqaf. Skont ir-rikorrent Derek Saliba qallu biex jiehu pacenzja u kull meta l-magna jkollha *leak* inaddaf u jkomplu bix-xoghol. Da parti tieghu Derek Saliba jichad li huwa qal dan il-kliem lir-rikorrent. Ir-rikorrent minn naha tieghu fil-kontro-ezami jibqa' jinsisti fuq ix-xhieda tieghu u cioe' li kien Derek Saliba li ndika li x-xoghol huwa urgenti u li ghalhekk kellu jnaddaf il-magna diversi drabi u wara li ghamel din il-procedura ghal aktar minn darba fl-ahhar spicca wegga'.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti kkonstatat li r-rikorrent kien il-persuna nkarigata mix-xift kollu bejn erba' u sitta minn nies u l-magni kollha dakinhar li sehh l-incident. Il-Qorti tifhem li r-rikorrent bhala *shift leader* kellu pressjoni li x-xoghol li jigi ordnat li jsir waqt il-hin tas-*shift* tieghu effettivament isir. Meta ra li l-magna ghandha l-hsara jsostni li huwa talab id-direzzjoni minghand Derek Saliba u fil-fatt din inghatatlu fis-sens li l-magna kellha tibqa' tahdem. Ghajr ghall-verzjoni kontradittorja ta' Derek

Saliba u li din il-Qorti gia sostniet li tqisha bhala mhux veritiera l-Qorti ma sabet xejn aktar fil-process li jikkontradixxi li nghataw dawn l-istruzzjonijiet minnu. Il-Qorti terga' taghmel referenza ghall-fatt li fil-kontro-ezami tieghu Derek Saliba ma nstemax daqshekk cert dwar dak li kien xehed fl-affidavit u taha verzjonijiet diversi dwar kif setghu graw l-affarijiet partikolarment dwar l-ghodda, dwar min kellmu u dwar kif jahdmu fuq il-post. Din l-inkonsistenza da parti ta' Derek Saliba twassal lill-Qorti sabiex temmen il-verzjoni tar-rikorrent li huwa nghata struzzjonijiet sabiex ikompli x-xoghol bil-magna partikolari irrilevantement jekk issemmiex li dan kien indikat bhala xoghol urgenti jew le fid-dokumentazzjoni. Il-Qorti wkoll tqis li huwa inverosimili hafna li r-rikorrent kien ser jaghti din il-verzjoni fl-affidavit tieghu li kieku kien jaf li hija gidba la darba kien ovvju li Derek Saliba kien ser ikun xhud ukoll fil-kawza odjerna in vista tal-irwol principali tieghu fix-xoghol tal-fabbrika.

Ghalhekk la darba rrizulta lil din il-Qorti li r-rikorrent inghata struzzjonijet sabiex ikompli x-xoghol u ma giex provdut b'rimpjazz tan-nuccali protettiv u wkoll kellu jahdem bl-ghodda li giet provduta lilu kif gie mghallem lilu tul snin twal li huwa kien jahdem mas-socjeta' intimata jonqos li jigi deciz jekk ir-rikorrent kienx gustifikat li juza dik il-procedura meta hu stess jammetti in kontro-ezami li jaf li meta ssammar hadid ma' hadid hemm il-possibilita' li ttir xi parti mill-hadida. Il-Qorti tifhem li r-rikorrent kellu pressjoni fuqu bhala l-persuna nkarigata biex ilesti x-xoghol u wkoll li nghata struzzjoni biex ilesti. Rat ukoll li r-rikorrent xehed li din il-procedura dakinhar stess kien adoperaha diversi drabi u ma kien gara xejn. Rat izda li la darba r-rikorrent kien jaf li m'ghandux nuccali protettiv ghax ma giex rimpjazzat kellu joqghod aktar attent meta juza l-metodu tat-tismir tal-martell tal-hadid mal-hadid biex jevita li ttir xi hadida kif kien jaf tajjeb li

seta'' jigri. Seta'' wkoll f'dawn ic-cirkustanzi qies li jekk isahhan il-hadida jkun ahjar biex it-tismir ma jkunx daqshekk qawwi u l-hadida taqta' aktar malajr izda dan ghazel li ma jaghmlux. F'dawn ic-cirkostanzi allura l-Qorti tqis li ghalkemm il-parti l-kbira tat-tort u r-responsabilita' tal-incident tinkombi fuq il-kumpanija intimata talli ma pprovdietx ir-rimpjazz tat-taghmir protettiv u cioe' n-nuccali, talli ma pprovdietx taghmir adegwat u ambjent sigur fuq il-post tax-xoghol u wkoll talli nghataw struzzjonijiet sabiex ix-xoghol jitkompla billi jitnehha l-plastik kull meta dan johrog u jaghqad u jwaqqaf il-magna, l-Qorti tqis li da parti tieghu ir-rikorrent seta'' ha aktar mizuri la darba kien jaf ben tajjeb li seta' jtir il-hadid u ma kellux a disposizzjoni nuccali protettiv u allura parti zghira mit-tort tinkombi wkoll fuqu.

Fic-cirkustanzi suespost l-Qorti tqis li filwaqt li 90% tat-tort u r-responsabilita' tal-incident tinkombi fuq is-socjeta' ntimata talli naqset milli tipprovdi ambjent sigur fuq il-post tax-xoghol tal-tar-rikorrent u wkoll naqset milli tipprovdi l-ghodda adegwata ghax-xoghol intiz li jsir mir-rikorrent, 10% tat-tort u responsabilita' tinkombi fuq l-istess rikorrent li seta' jipprevedi li hadid ma' hadid iwassal biex itir il-metall u ghalhekk ghalkemm kellu pressjoni sabiex ikompli x-xoghol seta' f'dawk ic-cirkustanzi ha mizuri ohra bhal li jsahhan il-hadida sabiex possiblment din ma tinkisirx.

**Danni**

**Damnum Emergens**

Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jindika li huwa uza l-*injury leave* kollu, ma gie indikat l-ebda ammont pretiz minnu u lanqas giet esebita l-FS 3 tas-sena 2013 sabiex il-Qorti

setghet tqabbel mas-sena ta' qabel u tasal ghad-differenza. Jirrizulta ghalhekk li fl-atti ma tressqu l-ebda provi dwar danni emergenti sofferti mill-attur u ghalhekk m'hemm l-ebda *damnum emergens* x'jigi likwidat.

**Lucrum Cessans**

Illi dwar id-danni cessanti sofferti l-espert nominat mill-Qorti Mr Franco Mercieca kkonkluda li konsegwenza tal-incident ir-rikorrent soffra dizabilita' permanenti ta' 15%. Dan ir-rapport kif ahjar spjegat bid-domandi in eskussjoni ma giex ulterjoment kontestat mill-partijiet.

Il-Qorti rat ukoll li r-rikorrent a fol. 38 et seq tal-process esebixxa l-FS3's ghas-snin 2010, 2011 u 2012 bil-medja ta' salarju annwali bejniethom jammonta ghal €16,723. L-attur twieled fl-24 ta' Mejju, 1983 (fol. 42). Jirrizulta li meta sehh l-incident l-attur kien ghandu tletin (30) sena. L-eta` lavorattiva tieghu ghandha titqies sa mill-anqas l-eta` ta' hamsa u sittin sena (65):

€16,723 x 15%(dizabilita`) =€2508.45 x 35 (multipier) = €87,795.75 x 90% (responsabilita` tas-socjeta' intimata) = €79,016.17.

Il-Qorti rat li l-incident sehh fis-sena 2013 u l-kawza nfethet fl-2015 u qed tinqata' sitt snin wara ghalhekk bhala 'lump sum payment' tqis li ghandu jitnaqqas 8% u mhux 20%:

€79,016.17 - €6321.30 (8%) = €72,694.87 + €7,269.48 (10% - cirkustanzi tal-hajja) = €79,964.35.

Total Lucri Cessanti u cioe′ 90% responsabilita′ dovuti lir-rikorrent mis-socjeta′ intimata jammontaw ghall-disgha u sebghin elf, disa′ mija u erbgha u sittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€79,964.35).

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suespost l-Qorti tghaddi sabiex taqta′ u tiddeciedi l-kaz odjern billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta′ intimata sakemm dawn huma nkompatibbli ma′ dak hawn deciz tghaddi sabiex tilqa′ talbiet tar-rikorrent in parte kif isegwi:

1. Tilqa′ l-ewwel talba limitatament u tiddikjara illi s-socjeta\` intimata hi responsabbli ghall-incident li fih safa korrut ir-rikorrent li sehh fit-28 ta′ Mejju 2013 ghall-habta ta′ 9.45pm fil-fabbrika A 25C, Industrial Estate, Marsa fil-persentagg ta′ 90% filwaqt li r-rikorrent igorr responsabilita′ ta′ 10% ghall-istess;

2. Tilqa′ t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali mill-atti tal-intimata fis-somma ta′ disgha u sebghin elf, disa′ mija u erbgha u sittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€79,964.35) rapprezentanti d-90% responsabilita′ tas-socjeta′ ntimata;

3. Tikkundanna lis-socjeta\` intimata biex thallas lir-rikorrent is-somma ta′ disgha u sebghin elf, disa′ mija u erbgha u sittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€79,964.35) rapprezentanti d-90% tad-danni likwidati dovuti mill-intimata lir-rikorrent.

Bl-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu sopportati f'10% mir-rikorrent u 90% mis-socjeta` intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Frar 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Frar 2021**